MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 831/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Amalia Pariciani**
**maghrufa bhala Amalia Muscat Inglott**

**Illum, 12 ta' Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 831/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Amalia Pariciani nee' Muscat Inglott aktar maghrufa bhala Amalia Muscat

Inglott, ta’ 64 sena, bint Victor Muscat Inglott u Josephine Dalmas, imwielda nhar l-14 ta’ Jannar, 1946 gewwa Haz Zabbar, cittadina Taljana u detentrici ta’ karta tal-identita Taljana bin-numru AR 7378064 u fl-Italja residenti 1493, Via Prato Delle Corte, Roma u gewwa Malta residenti fil-fond numru 30, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar.

Akkuzata talli nhar il-11 ta’ Awissu, 2010 ghall-habta ta’ nofs in-nhar gewwa ‘Teddy’s Detergent Shop’, li jinsab fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar hija volontarjament hassret, ghamel hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn €116.47 izda inqas minn €1164.69 u dan ghad-dannu ta’ Clayton Zarb u jew persuni ohra u dan ai termini tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunat feriti ta’ natura hafifa, fuq il-persuna ta’ Karen Zarb minn San Pawl il-Bahar skond kif iccertifikat Dr. Nathalie Apap MD mic-centru tas-sahhar tal-Mosta u dan ai terminu tal-artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema reat skond ic-cirkostanzi tieghu huwa wkoll aggravat bl-artikolu 222(1)(b).

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet ingurji u jew theddid bil-fomm lil Clayton u Karen Zarb u dan ai termini tal-artikoli 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

F’kaz ta’ htija il-Qorti qieghda wkoll tigi mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittmi billi tordna garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ghal dak il-perjodu li jidhrilha xieraq skond il-ligi.

Rat l-artikoli 214, 221, 222(1)(b), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha minbarra t-tielet imputazzjoni u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat li l-parte civile Clayton Zarb u Karen Zarb irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-parte civile rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni; il-procediment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputata qed tinstab hatja, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fatt li l-imputata hallset d-danni sofferti mill-parte civile seduta stante, kif ukoll il-fedina penali taghha li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 214, 221, 222(1)(b), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre il-Qorti biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Clayton Zarb u Karen Zarb u ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputata b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' elfejn Euro

(€2,000) ghal perjodu ta’ sena li ma ddejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmija Clayton Zarb u Karen Zarb.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilta tagha u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------